# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**PRESIDENT**

**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis 10 ta' Diċembru 2020.**

**Numru 3**

**Rikors maħluf numru 207/2011 MCH**

***Liquigas Malta Limited***

***v.***

***Easygas Malta Limited*; u b'dikriet tas-16 ta' Mejju 2011 issejħet fil-kawża Korporazzjoni *Enemalta***

1. Dan huwa appell tas-soċjetà attriċi *Liquigas Malta Limited* ["*Liquigas*"] u appell ieħor tas-soċjetà konvenuta *Easygas Malta Limited* ["*Easy-gas*"] minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-5 ta' Ottubru 2015 illi ordnat lil *Easygas* tieqaf milli tiġbor ċilindri tal-gass ta' *Liquigas* mingħajr il-kunsens tagħha, u ikkundannataha wkoll tħallas ħames mija u tmienja u sebgħin elf, seba' mija u ħmistax-il euro

(€578,715) bħala danni li *Liquigas* ġarrbet bi ħtija tagħha sa dakinhar tas-sentenza. Il-fatti relevanti huma dawn:

2. *Liquigas* topera fil-qasam tal-bejgħ ta' *liquid petroleum gas* ["*LPG*"] li jinbigħ lill-konsumaturi f'ċilindri proprjetà tagħha billi kisbithom mingħand il-Korporazzjoni *Enemalta* ["*Enemalta*"]. *Liquigas* tgħid illi, għalkemm il-konsumatur meta jixtri l-gass fiċ-ċilindru jħallasha depożitu għaċ-ċilindru, iċ-ċilindru jibqa proprjetà tagħha ukoll meta jkun għadu għand il-konsumatur. Dan iġib illi *Liquigas* iġġorr ir-responsabilità għaċ-ċilindru għal dak li jgħidu Regolamenti dwar Tagħmir tal-Pressa Trasportabbli [L.S. 427.30].

3. *Liquigas* tgħid illi *Easygas*, li wkoll topera fl-istess qasam u hija kompetitriċi tagħha, għandha f'idejha numru ta' ċilindri proprjetà ta' *Liquigas* li ġabret mingħand il-konsumaturi mingħajr il-kunsens tagħha. Billi hija tal-fehma li dan hu bi ksur tad-drittijiet tagħha, *Liquigas* fetħet din il-kawża u talbet ill l-qorti:

> »1. tordna lill-kumpannija intimata biex tieqaf minnufih milli tiġbor iċ-ċilindri tal-kumpannija rikorrenti mingħand terzi mingħajr il-kunsens tal-kumpannija rikorrenti;
>
> »2. tordna lill-kumpanija intimata biex fi żmien qasir u perentorju tirritorna ċ-ċilindri kollha li huma proprjetà tal-kumpannija rikorrenti, u li qegħdin fil-pussess tal-kumpannija intimata;
>
> »3. tiddikjara li, b'konsegwenza tal-aġir tal-kumpanija intimata kif hawn fuq spjegat, l-istess kumpannija rikorrenti sofriet u għadha qed issofri danni;
>
> »4. tiddikjara li l-kumpannija rikorrenti hija responsabbli għal dawn id-danni;
>
> »5. tillikwida d-danni hekk sofferti mill-kumpannija rikorrenti sad-data tas-sentenza, okkorrendo permezz ta' periti nominandi;
>
> »6. tikkundanna lill-kumpannija intimata tħallas lill-kumpannija rikorrenti d-danni hekk likwidati.«

4. L-ewwel qorti iddeċidiet hekk:

»1. tordna lill-kumpannija konvenuta tieqaf minnufih milli tigbor iċ-ċilindri tal-kumpannija attriċi mingħand terzi mingħajr il-kunsens tagħha;

»2. minħabba n-natura u d-diffikultà prattika tal-każ tastjeni milli tordna lil kumpannija konvenuta biex tirritorna ċ-ċilindri kollha li huma proprjetà tal-kumpannija attriċi u li qegħdin fil-pussess tagħha, u minflok tordna lis-soċjetà konvenuta tassumi hi r-responsabiltà legali għal dawn iċ-ċilindri bil-konsegwenzi kollha li tali ordni timporta inkluż li tagħmel dak neċessarju biex dawn iċ-ċilindri jidhru li huma proprjetà tas-soċjeta konvenuta;

»3. tiddikjara li, b'konsegwenza tal-aġir tal-kumpannija konvenuta kif hawn fuq spjegat, l-istess kumpannija attriċi sofriet u għadha qed issofri danni;

»4. tiddikjara li l-kumpannija konvenuta hija responsabbli għal dawn id-danni;

»5. tillikwida d-danni hekk sofferti mill-kumpannija attriċi sad-data tas-sentenza fl-ammont kollu mitlub *cioè* €578,715;

»6. tikkundanna lill-kumpannija konvenuta tħallas lill-kumpannija attriċi d-danni hekk likwidati;

»Bl-ispejjeż kollha, inklużi dawk tal-protest ġudizzjarju tas-7 ta' Jannar 2011 u tal-mandat ta' inibizjoni tal-21 ta' Jannar 2011, kontra l-kumpannija konvenuta bl-imgħax jiddekorri mid-data tal-preżentata tal-kawża.«

5. Ir-raġunijiet li wasslu lill-ewwel qorti għal din id-deċiżjoni ġew imfissra hekk fis-sentenza appellata:

»… … … is-soċjetà *Liquigas* fethet dina l-kawża biex is-soċjetà *Easygas* tieqaf tiġbor iċ-ċilindri tal-gass mingħand terzi mingħajr il-kunsens tagħha billi qed jiġi allegat li dawn iċ-ċilindri huma proprjetà tagħha. *Liquigas* qed titlob ukoll id-danni.

»<u>Eċċezzjonijiet Korporazzjoni *Enemalta*</u>

»Il-Korporazzjoni *Enemalta* eċċepiet li hija għal kollox estraneja għall-vertenza bejn il-partijiet u għalhekk għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju anke għaliex it-talbiet ma humiex diretti kontriha imma kontra l-konvenuta l-oħra *Easygas*.

»… … …

»… … … *Enemalta* għandha raġun tgħid li hija estraneja għall-vertenza li nqalgħet bejn is-soċjetà attriċi u s-soċjetà konvenuta l-oħra *Easygas* u l-eċċezzjoni tagħha qed tiġi milqugħa.

»<u>Leġittimu kontradittur</u>

Is-soċjetà konvenuta *Easygas* eċċepiet preliminarjament li hija mhijiex il-leġittimu kuntradittur *stante* illi ma għandhiex relazzjoni ġuridika mas-soċjetà attriċi. Huwa *se mai* il-konsumatur li jidħol f'relazzjoni ġuridika mas-soċjetà attriċi meta jixtri mhux biss il-gass *LPG* iżda wkoll iċ-ċilindri tal-gass.

»… … …

»Illi fil-każ in eżami t-talba tas-soċjetà attriċi hija biex *Easygas* tieqaf tiġbor iċ-ċilindri tal-gass mingħand terzi billi dawk iċ-ċilindri huma proprjetà tagħha. Illi l-allegazzjonijiet li saru huma kollha diretti fil-konfront tas-soċjetà konvenuta li qed tiġbor iċ-ċilindri ta' *Liquigas* għax *Liquigas* qed tippretendi li dawn huma tagħha u li *Easygas* qed taħżen iċ-ċilindri ta' *Liquigas* kontra d-dritt ta' proprjetà li *Liquigas* tallega li għandha. It-talbiet mhumiex diretti lejn l-konsumaturi. Għalhekk *Easygas* hija l-leġittimu kontradittur f'dawn il-proċeduri. L-allegazzjoni li konsumatur jixtri wkoll ċ-ċilindri tal-gass u mhux biss il-gass *LPG* hija kontestata bil-qawwa mis-soċjetà attriċi.

»<u>Kontestazzjoni tas-soċjetà konvenuta</u>

»Fil-mertu s-soċjetà konvenuta eċċepiet li s-soċjetà attriċi trid tipprova l-allegazzjoni tagħha li ċ-ċilindri huma proprjetà tagħha u li meta jinxtraw iċ-ċilindri tal-gass il-konsumatur ikun qed jixtri biss il-gass u mhux iċ-ċilindru wkoll.

»Illi s-soċjetà konvenuta ssostni li ċ-ċilindri in kwistjoni mhumiex fil-pussess tas-soċjetà attriċi, iżda fil-pussess tal-konsumaturi u m'hemm xejn li juri li meta l-konsumatur jingħata ċ-ċilindru tal-gass *LPG*, dan ma jkunx qed jixtrih ukoll. Tgħid illi d-depożitu li jithallas mill-konsumatur meta jingħata ċ-ċilindru ma jimponi ebda obbligu fuq il-konsumatur sabiex jirritorna ċ-ċilindru sempliċement jagħtih id-dritt li jieħu l-flus lura jekk jiddeċiedi li jirritorna ċ-ċilindru u ma jixtrix ieħor.

»<u>Kontestazzjoni tas-soċjetà attriċi</u>

Is-soċjetà attriċi tgħid li kien hemm numru ta' ċilindri tagħhom li ttieħdu minn *Easygas* fuq il-pretiża li dawn iċ-ċilindri mhumiex ta' *Liquigas* imma proprjetà tal-konsumatur, għalhekk huma kellhom dritt jikkum-merċjawhom. Tgħid li l-konvenuti minflok daħlu fis-suq billi ħarġu ċ-ċilindri tagħhom, talbu lill-konsumaturi għaċ-ċilindru vojt tal-*Liquigas* bħala depożitu għaċ-ċilindru tagħhom, u ċ-ċilindri ta' *Liquigas* qatt ma ġew ritomati. Meta huma talbu lil *Easygas* biex jirritornawhom, dawn talbuhom biex iħallsu għalihom meta l-istess ċilindri kienu tagħhom. *Easygas* għalhekk spiċċat b'numru ta' ċilindri ta' *Liquigas* għandha u qed tippretendi li huma tagħha fuq il-pretiża li dawn iċ-ċilindri huma tal-konsumaturi. Għalhekk saret dina l-kawża biex jiġi dikjarat li dawk iċ-ċilindri huma tas-soċjetà attriċi.

»<u>Konsiderazzjonijiet</u>

»<u>Xiri ta' ċilindri mingħand *Enemalta*</u>

»Illi jirriżulta mill-provi illi meta *Liquigas* tefgħet l-offerta biex tixtri d-diviżjoni tal-gass tal-*Enemalta*, l-*RFP*[1] kien jitlob illi l-offerenti pros-pettivi jissottomettu offerta għal "*the transfer of the cylinders owned by Enemalta*". Dan kien jinkludi wkoll "*a considerable stock of circa 550,000 cylinders in circulation*". Dawn iċ-ċilindri gew trasferiti minn *Enemalta* lil *Liquigas* skond ftehim bejn *Enemalta Corporation* u *Liquigas Limited*.

»Illi fil-ftehim imsemmi … hemm spjegat li ċ-ċilindri, kif ukoll l-*intellectual property rights* għaddew għand *Liquigas* mingħand l-*Enemalta* bħala parti minn konċessjoni.

---

1 *Request for proposal*.

»… … … ġiet trasferita wkoll il-*liability* lil *Liquigas* tad-debitu għad-depożiti li kienu ħallsu l-konsumaturi li setgħu jintalbu lura. Id-depożiti rifondibbli, li kienu tħallsu lill-*Enemalta*, għaddew għand *Liquigas* bħala passiv (*liability*) kif jidher mill-*financial statements* annwali ta' *Liquigas*. L-ammont medju kien ta' €5 għal kull ċilindru li jiġi ritornat.

»Mal-ftehim imsemmi kien hemm anness l-*balance sheet notes* tal-*Enemalta* ta' Lulju 2008 li kienu juru li *Liquigas* xtrat iċ-ċilindri li kien hemm l-Qajjenza u fis-suq.

»… … .

»Dawn ġew verifikati permezz tal-*audited financial statements* tal-Korporazzjoni *Enemalta* fejn iċ-ċilindri jissemmew bħala *fixed assets*. … … … Dawn jidhru wkoll fil-*audited Financial* statements ta' *Liquigas* bħala *fixed assets*.

»… … …

»Illi kemm iċ-ċilindri li għaddew għand *Liquigas* mingħand l-*Enemalta* kif ukoll dawk ġodda li hija kienet tixtri, kollha jkollhom ċertifikat li jindika li *Liquigas* hija s-sid taċ-ċilindru. Illi skont it-*Transportable Pressure Equipment Diretive* kull ċilindru jrid ikun numerat individwalment għal skop ta' identifikazzjoni u biex isir ir-*retesting* taċ-ċilindri kull tant żmien.

»Meta *Liquigas* tixtri ċ-ċilindri mingħand il-manufattur, hija tirċievi ċ-ċertifkat li jkun fih id-dettalji kollha kemm dwar is-sid kif ukoll dwar iċ-ċilindru u minn hemm 'il quddiem hija tidħol responsabbili għal dak li jiġri miċ-ċilindru. Fuq iċ-ċilindru jkun hemm l-isem tas-sid lil min jappartjeni ċ-ċilindru, is-*serial number* u l-kulur li jidentifika lis-sid. Hemm ukoll regolamenti internazzjonali u tal-EU speċifiċi fir-rigward tat-trasport ta' *pressure equipment* li jridu jiġu segwiti skond il-liġi. L-identifikazzjoni taċ-ċilindri għalhekk issir permezz tal-kulur taċ-ċilindri, (kannella, isfar jew aħdar u, fil-kaz tas-soċjetà konvenuta, griż), in-numru ta' identifikazzjoni permezz ta' ċertifikazzjoni u l-isem tas-sid immarkat fuq iċ-ċilindri.

»Illi *Liquigas* xtrat iċ-ċilindri mingħand l-*Enemalta* u kien hemm fil-ftehim li l-proprjetà taċ-ċilindri kellu jgħaddi għand *Liquigas*. Kieku ċ-ċilindri kienu tal-konsumaturi, l-*Enemalta* ma kinitx tkun tista tbigħ xi ħaġa li mhijiex tagħha. Fil-fatt jirriżulta li l-ebda konsumatur ma pprova jwaqqaf il-privatizzazjoni li għamlet l-*Enemalta* u l-bejgħ taċ-ċilindri tal-gass lil *Liquigas*. Il-konsumatur ġie protett biss billi d-depożitu li kien għamel baqa' garantit li jiġi ritornat billi *Liquigas* daħlet responsabbli għall-ħlas tiegħu jekk jintalab lura. Kieku d-depożitu kien jirrappreżenta l-prezz taċ-ċilindru, *Liquigas* ma kienx ikollha għalfejn tidħol responsabbli għal dak id-depożitu.

»Is-soċjetà konvenuta ma ġabet ebda prova kuntrarja għal dan u sempliċi konġetturi u dubji mhux sostanzjali bi prova ma jistgħux jittieħdu bħala fatti kontra dak prodott mis-soċjetà attriċi rigwardanti bejgħ ta' oġġetti mobbli.

»Illi fil-fehma tal-qorti s-soċjetà attriċi gabet prova illi ċ-ċilindri tal-gass li kienu proprjetà tal-Korporazzjoni *Enemalta* għaddew għand is-soċjetà attriċi meta dina xtrat in-negozju tad-diviżjoni tal-gass mingħand l-*Enemalta* u dan fit termini tal-artikolu 1347 tal-Kap. 16.

»<u>Xiri ta' gass. Xiri ta' ċilindri</u>

»Kwantu għall-kwistjoni jekk meta l-konsumatur jixtri l-gass huwa jkunx qed jixtri ċ-ċilindru tal-gass ukoll, kienet il-prassi stabbilita li, meta klijent jitlob "*new service*", il-kumpannija *Enemalta* kienet tgħaddilu ċilindru mimli wara li jħallas depożitu għalih. Dan id-depożitu jiġi ritornat lill-klijent meta hu jiddeċiedi li jieħu lura ċ-ċilindru l-vojt lil kumpannija mingħajr ma jieħu ċilindru ieħor mimli minfloku.

»Illi s-soċjetà attriċi ssostni li n-negozju tal-bejgħ tal-gass *LPG* kien ilu jiġi ġestit għal ħafna snin mill-*Enemalta* bi prattika kummerċjali ta' xiri ta' gass u mhux ta' ċilindri da parti tal-konsumatur bi skambju bejn ċilindru vojt ma' wieħed mimli, u meta konsumatur irid servizz ġdid ikun irid iħallas depożitu fuq iċ-ċilindru. Din il-prattika kummerċjali ġiet adoperata mis-soċjetà attriċi u anke l-istess soċjetà konvenuta tuża l-istess modalità. Is-soċjetà konvenuta ma ressqet l-ebda prova li hemm xi prattika kummerċjali oħra differenti. … … …

»Illi skont il-ftehim tal-1992 id-distributuri huma marbuta li jirritomaw iċ-ċilindri vojta l-impjant u li ma jaħżnux ċilindri kemm mimlija u kemm vojta. Din l-obbligazzjoni tikkonferma li l-atturi ma jbigħux iċ-ċilindri lill-konsumaturi jew distributuri.

»Illi s-soċjetà attriċi ressqet ukoll prova li fuq d-depożitu li jitħallas mill-konsumatur għas-servizz ġdid ma jitħallasx *VAT* għalhekk issostni li mhux qed isir bejgħ ta' ċilindru iżda ta' gass u jsir depożitu fuq iċ-ċilindru.

»Illi jirriżulta li jekk kljent ikollu xi diffikultà b'xi ċilindru, dan jista' jċempel biex il-kumpannija tieħu ħsieb tirranġahulu li ma kienx ikun il-każ li kieku ċ-ċilindru kien proprjetà unika tal-konsumatur. Ġie stabbilit ukoll li l-*Malta Resources Authority* tirrikjedi li s-*supplier* ikollu "*on call emergency service*" biex jittratta l-emerġenzi kollha li jistgħu jinqalgħu fiċ-ċilindri waqt li jkunu fil-pussess tal-konsumaturi.

»Illi meta konsumatur jixtri l-gass mingħand id-distributur, il-konsumatur jagħti lura ċ-ċilindru vojt li jkun uża, u d-distributur jagħtih wieħed ieħor mimli. Il-konsumatur però ma jingħatax l-istess ċilindru li hu jkun tah imma ieħor differenti mimli.

»Illi jirrizulta li l-irċevuta li tingħata għad-depożitu li jkun tħallas hija riċevuta għas-servizz ġdid li l-konsumatur ikun se jieħu u mhux riċevuta għax-xiri ta' ċilindru. Hu jħallas *refundable deposit* għall-użu ta' dak iċ-ċilindru.

»Jirriżulta mill-provi li s-soċjetà konvenuta ħadet iċ-ċilindri tal-*Liquigas* għax qalet li dawn huma tal-konsumatur, iżda fl-istess waqt hija żebgħet iċ-ċilindri tagħha bil-kulur griż magħżul minnha għaċ-ċilindri tagħha u anke waħħlet *metal plate* biex turi li hija s-sid ta' dawk iċ-ċilindri u għalhekk mhux tal-konsumatur, u dana jmur kontra dak li qed issostni s-soċjetà konvenuta f'dina l-kawża.

»*Inoltre* ma ġiex pruvat li d-distributuri tal-gass jixtru ċ-ċilindri min-għand il-kumpanniji imma huma jingħataw biss numru ta' ċilindri li jużaw bħala *working stock* u jekk ma jirritornawx in-numru ta' ċilindri li jingħataw huma jridu jħallsu għalihom.

»Is-soċjetà attriċi hija responsabblli għaċ-ċilindri tal-gass li hija tqiegħed fis-suq u trid tagħmel *maintenance* u *retesting* taċ-ċilindri kull tant żmien. Għalhekk kieku ċ-ċilindru kien tal-konsumatur, ma kienx

ikun hemm għalfejn li *Liquigas* tidħol responsabbli għalih, għal manteniment [*recte*, għall-manutensjoni] tiegħu, u biex jiġi *retested* għax iċ-ċilindru ma kienx ikun tagħha imma tal-konsumatur u hu kien ikun responsabblli għalih.

»Kwantu għas-sottomissjoni tas-soċjetà konvenuta li l-presunzjoni hija dejjem li kull persuna tippossjedi għaliha nfisha u b'titolu ta' proprjetà, is-soċjetà attriċi tikkontendi kif *del resto* għandha tiġi intiża l-liġi ċivili ġenerali li dina hija presunzjoni *juris tantum* sakemm ma jiġix pruvat il-kuntrarju. Hi ssostni li dina l-presunzjoni ma teżistix fil-Kodiċi tal-Kummerċ u ma tapplikax f'dana l-każ billi l-kwistjoni hija regolata minn prattika kummerċjali stabbilita b'mod kostanti u paċifiku ferm qabel ma bdiet il-kontestazzjoni tas-soċjetà konvenuta. Din il-qorti taqbel fil-fatt mas-sottomissjoni tas-soċjetà attriċi. *In oltre* iżżid illi l-ftehim bejn il-klijent u s-soċjetà li qed tissuplixxi ċ-ċilindru hu wieħed li għandu jitqies bħala kuntratt innominat billi din il-qorti ma sabet ebda kuntratt nominat li hu applikabbli speċifikament għal relazzjoni li teżisti bejn is-*supplier* taċ-ċilindru u l-klijent. Li hu ċert hu illi l-klijent ma jistax jingħad li qed jipposjedi *animo domini* bil-pussess taċ-ċilindru għas-sempliċi raġuni li ċ-ċilindru jinbidel kull darba li jerġa' jordna l-gass. Dan ixejjen l-argument tas-soċjetà konvenuta li l-klijent isir sid taċ-ċilindru bil-pussess tiegħu. Id-detenzjoni fattwali ma tekwevalix għal dritt ta' proprjetà, kif jidher minn dak li jiġri fil-prattika.

»Illi għalhekk fil-fehma tal-qorti, apparti li s-soċjetà attriċi rnexxilha tipprova li ċ-ċilindri huma tagħha billi xtrathom mingħand *Enemalta* meta saret il-privatizzazzjoni u anke xtrat oħrajn bħala ġodda għaliha, ġie pruvat ukoll li, meta s-soċjetà attriċi tbigħ il-gass fiċ-ċilindru, hija tbigħ il-gass biss u mhux iċ-ċilindru li jibqa' tagħha, u l-konsumatur ikollu biss l-irċevuta tad-depożitu li jkun ħallas meta ħa s-servizz ġdid, liema depożitu l-konsumatur jista' jieħdu lura jekk ma jkunx irid aktar dak is-servizz.

»<u>Danni</u>

»Illi s-soċjetà attriċi ppreżentat … prospett tad-danni sofferti minnha flimkien ma' numru ta' dokumenti in sostenn tal-istess prospett. L-atturi qed jippretendu s-somma ta' €101,250 biex xtraw ċilindri ġodda biex jissostitwixxi dawk li ma ġewx ritomati lilhom; l-ammont ta' €50,625 bħala "*financial costs for anticipated purchases of cylinders*"; €21,840 spejjeż biex ġabu lura ċ-ċilindri minn Napli fejn kienet bagħtithom is-soċjetà konvenuta u €405,000 għaċ-ċilindri li ġew moħbija, mibruxa u miżbugħa mill-ġdid u li ma jistgħux jintużaw, għax neħħewlhom is-*serial number*.

»Il-Korporazzjoni *Enemalta* eċċepiet li hija ma kkawżat ebda danni lis-soċjetà attriċi u għalhekk ma hijiex responsabbli għad-danni reklamati.

»Illi fil-fehma tal-qorti d-danni ġew kawżati u qed jiġu kawżati minħabba l-aġir tas-soċjetà konvenuta *Easygas* u mhux minħabba xi aġir tal-kjamat fil-kawża *Enemalta*.

»Illi s-soċjetà konvenuta *Easygas* eċċepiet illi:

»1. l-allegazzjoni tas-soċjetà attriċi li sofriet u qiegħda issofri danni b'konsegwenza tal-aġir tas-soċjetà konvenuta hija infondata *stante* li s-soċjetà attriċi mhijiex qed tiġi deprivata mill-użu taċ-ċilindri tagħha peress illi ma hemm l-ebda obbligu fuq il-pussessur taċ-ċilindri tal-gass li jirritorna l-istess ċilindri lis-soċjetà attriċi;

»2. illi fir-rigward tal-allegazzjoni tas-soċjetà attriċi li tista' ssofri danni minħabba li hija tista' tinsab responsabbli għal xi inċident jew ilment li jirrigwarda ċilindru li għandu xi isem jew marka jew sinjal distintiv tagħha, din hija wkoll infondata *stante* illi hija sempliċement sitwazzjoni ipotetika.

»Illi ma jirriżultax mill-provi li l-prospett tad-danni preżentat mis-soċjetà attriċi ġie kontestat *per se*. Fl-eċċezzjoni tagħha s-soċjetà konvenuta issostni li s-soċjetà attriċi mhijiex qed tiġi deprivata mill-użu taċ-ċilindri billi ma hemm l-ebda obbligu fuq il-pussessur taċ-ċilindri tal-gass li jirritorna l-istess ċilindri lis-soċjetà attriċi.

»Illi mill-provi prodotti jirriżulta però li, qabel mas-soċjetà konvenuta daħlet fil-kamp tad-distribuzzjoni tal-gass, is-soċjetà attriċi kienet qed taħdem *b'stock* ta' numru ta' ċilindri li kienu jservuha billi kienet iddawwarhom iżjed minn darba. Iżda meta *Easygas* bdiet topera wkoll fid-distribuzzjoni tal-gass, dina bdiet tibdel iċ-ċilindri tal-gass tagħha ma' dawk tal-*Liquigas* u ma bdietx tirritorna ċ-ċilindri tal-*Liquigas* u anke bdiet taħżen numru minnhom biex tinqeda bihom hi. Is-soċjetà konvenuta anke bagħtet barra minn Malta numru ta' ċilindri ta' *Liquigas* biex jinbidlulhom id-dettalji tagħhom u anke jitbiddel il-kulur tagħhom biex ma jibgħux jidhru li huma ta' *Liquigas*. Il-qorti diġà ddeċidiet li dawn iċ-ċilindri huma proprjetà ta' *Liquigas* u parti mill-i*stock* li hija kienet tuża. Għalkemm ikun hemm xi numru ta' ċilindri li ma jiġux ritornati, iżda dawn mhumiex il-maġġoranza u s-soċjetà attriċi kienet dejjem tmexxi bl-i*stock* li kellha fis-suq sakemm ma tfaċċatx *Easygas* li bdiet iżżomm iċ-ċilindri tagħha u ma tirritornahomx.

»Illi fir-rigward tal-eċċezzjoni l-oħra tas-soċjetà konvenuta li l-allegazzjoni tas-soċjetà attriċi li tista' ssofri danni minħabba li hija tista' tinsab responsabbli għal xi inċident jew ilment li jirrigwarda ċilindru li għandu l-isem tagħha, fil-fehma tal-qorti din hija mhijiex sempliċement sitwazzjoni ipotetika imma sitwazzjoni reali billi *Liquigas* tibqa' responsabbli taħt il-liġi għaċ-ċilindri li hija ddaħħal fis-suq.

»Għalhekk fin-nuqqas ta' kontestazzjoni tal-*quantum* tad-danni l-qorti hi propensa li taċċetta l-prospett esebit mis-soċjetà attriċi.«

6. Kemm *Liquigas* u kemm *Easygas* appellaw mis-sentenza: *Liquigas* b'rikors tas-26 ta' Ottubru 2015, li għalih *Easygas* wieġbet fis-16 ta' Novembru 2015, u *Easygas* b'rikors tas-26 ta' Ottubru 2015 li għalh *Liquigas* wieġbet fit-23 ta' Novembru 2015. *Enemalta* wieġbet fis-17 ta' Novembru 2015.

7. Nibdew bl-appell ta' *Easygas.*

8. Fl-ewwel aggravju *Easygas* tgħid illi "ma tistax tieqaf tiġbor iċ-ċilindri". Kompliet tfisser l-aggravju hekk:

»… … … fil-mori tal-kawża ġie spjegat b'mod dettaljat kif jopera s-suq tal-bejgħ tal-gass *LPG* f'Malta, fejn, wara li ġie lliberalizzat is-suq, jeżistu żewġ operaturi u *cioè* s-soċjeta appellanti u s-soċjeta appellata;

»illi l-konsumatur huwa fornit biċ-ċilindri tal-gass *LPG* mingħand id-distributuri, li … huma *self-employed*. Dawn id-distributuri jġorru ċ-ċilindri taż-żewġ operaturi biex hekk il-konsumatur ikollu l-libertà li jagħżel bejn iż-żewġ prodotti;

»illi … il-konsumatur ipartat iċ-ċilindru vojt tiegħu ma wieħed mimli. Li mbagħad jiġri hu li d-distributuri jieħdu dawn iċ-ċilindri lil wieħed mill-operaturi – irrispettivament ta' min huma ċ-ċilindri – sabiex ipartuhom ma' dawk mimlijin. Dan joħroġ biċ-ċar mix-xiehda tad-distributuri li spjegaw fid-dettall kif taħdem eżatt is-sistema;

»Illi din is-sistema hija riflessa ukoll fit-tibdil leġislattiv li sar permezz ta' Avviż Legali 465 tal-2011 li emenda l-Liġi Sussidjarja 423.31 (Regolamenti dwar is-Suq tal-Gass *Petroleum* Likwefatt), senjatament l-artikolu 5A tal-istess Regolamenti li jawtorizza liż-żewġ operaturi sabiex jiġbru kwalunkwe ċilindru tal-gass *LPG* mingħand terzi, bid-dover li jirritornawhom a spejjeż tagħhom lis-sid entru sebat ijiem kalendarji minn meta tali ċilindru jkun ingabar:

> »"5A. (1) Xejn m'għandu jipprojbixxi lil provditur awtorizzat li jkun awtorizzat biex jimporta u, jew ibigħ bl-ingrossa l-GPL u, jew lil provditur awtorizzat li jkun awtorizzat mill-Awtorità biex ibigħ bl-imnut GPL, inkluż il-bejgħ bl-imnut ta' ċilindri mimlija bil-GPL li jistgħu jinġarru, milli jiġbor ċilindru li jista' jinġarr mingħand klijent ieħor u milli jreġġa' lura ċilindru tal-GPL bħal dak f'isem dak il-klijent ieħor, lill-provditur awtorizzat li jkun awtorizzat biex jimporta u, jew ibigħ bl-ingrossa GPL u li jkun is-sid ta' dak iċ-ċilindru li jista' jinġarr:
>
> »"Iżda l-provditur awtorizzat li jkun awtorizzat biex jimporta u, jew ibigħ bl-ingrossa GPL u, jew il-provditur awtorizzat li jkun awtorizzat mill-Awtorità biex ibigħ bl-imnut GPL, inkluż il-bejgħ bl-imnut ta' ċilindri mimlija bil-GPL li jistgħu jinġarru, għandu jreġġa' lura ċilindri li jistgħu jinġarru li jinġabru mingħand klijenti oħrajn bi spejjeż tiegħu, lill-provditur awtorizzat li jkun awtorizzat mill-Awtorità biex jimporta u, jew ibigħ bl-ingrossa GPL u li jkun is-sid ta' dak iċ-ċilindru li jista' jinġarr f'intervalli ta' sebat ijiem kalendarji 'l bogħod minn xulxin."

»illi dan it-tibdil leġislattiv sar proprju sabiex jintlaħaq l-iskop illi s-suq taċ-ċilindri *LPG* ikun illiberalizzat u ma jibqax monopolju mmexxi minn operatur wieħed. Dan joħloq kompetizzjoni posittiva fis-suq li finalment igawdi minnu l-konsumatur permezz ta' prezzijiet iktar baxxi u servizz aħjar;

»illi tajjeb li jingħad li dan l-Avviż Legali daħal fis-seħħ fil-mori ta' din il-kawża, u kwindi l-ewwel talba tas-soċjetà appellata tmur kontra l-ħsieb tat-tibdil leġislattiv li jagħti d-dritt liż-żewġ operaturi sabiex jiġbru ċ-ċilindri ta' xulxin (bid-dmir li jirritornawhom lis-sid fiż-żmien stipulat). Għalhekk, din it-talba issa m'għandhiex tissussisti;

»Illi l-ordni tal-qorti li tipprojbixxi għal kollox lis-soċjeta appellanti milli tiġbor iċ-ċilindri tas-soċjeta appellata bħal parti mill-operat tagħha ta' kuljum tkun qiegħda xxekkel is-suq ħieles u tmur kontra l-intendiment ċar tal-leġislatur.«

9. *Liquigas* wieġbet hekk:

> »… … … huwa minnu li llum bid-dħul fis-seħħ tal-Avviż Legali 465 tal-2011 li emenda l-Liġi Sussidjarja 423.31 (Regolamenti dwar is-Suq tal-Gass *Petroleum* Likwefatt) provditur awtorizzat biex jimpurta jew ibigħ il-gass huwa awtorizzat jiġbor kwalunkwe ċilindru tal-gass mingħand il-konsumatur, *sia* jekk iċ-ċilindru jkun jappartjeni lilu jew lill-kompetitur tiegħu, biss però jrid ireġġa' lura ċ-ċilindri lis-sid tagħhom f'intervalli ta' sebat ijiem kalendarji 'l bogħod minn xulxin, u dan *ai termini* tal-artikolu [*recte*, tar-regolament] 5A (1) tal-istess Regolamenti;
>
> »Illi però m'huwiex minnu dak li tgħid il-kumpannija appellanti *Easygas* li din kienet riflessjoni tas-sistema adoperata qabel. Fl-ewwel lok din il-kawża bdiet flit wara li daħlet fis-suq il-kumpannija appellanta u għalhekk wieħed ma jistax jitkellem fuq 'sistema' jew 'prattika' li kienet teżisti bejn tnejn jew iżjed fornituri għaliex sa flit qabel dejjem kien hemm fornitur wieħed u allura bħala stat ta' fatt lanqas seta' kien hemm dak li l-appellanta ssejjaħ 'tpartit' ta' ċilindri.
>
> »Fit-tieni lok, huwa evidenti li kien biss mid-dħul fis-seħħ tal-emenda li saret permezz tal-Avviż Legali 465 tal-2011 u partikolarment bl-artikolu 5A(1) tal-imsemmija Regoiamenti li provditur awtorizzat seta' jiġbor ċilindru li ma jkunx tiegħu mingħand klijent, liema att fih innifsu jirrestrinġi d-drittijiet tas-sid ta' ċilindru. Infatti din id-disposizzjoni tibda bil-kliem "xejn m'għandu jipprojbixxi …" preċiżament għaliex sid ta' kwalunkwe oġġett jista' jipprojbixxi lil ħaddieħor milli juża l-proprjetà tiegħu, Tajjeb li jiġi rilevat ukoll illi l-kumpannija *Easygas* qed tinvoka artikolu li hija stess qed tikser b'mod flagranti billi qiegħda tirrifjuta li tirritorna ċ-ċilindri ta' *Liquigas* miġbura minnha lil *Liquigas* bħal ma jitolbu l-istess Regolamenti kif emendati.
>
> »Lanqas huwa minnu dak li qed tgħid l-appellanta li dan għandu xi effett drastiku fuq is-suq ħieles: ma kien hemm xejn li jżomm lil kull operatur li jiġbor iċ-ċilindri tiegħu biss. Għal kuntrarju hija l-appellanta li hija in *mala fede* u qed tagħmel dak li jissejjaħ '*freeriding*' billi tuża l-investiment u l-proprjetà ta' ħaddieħor biex tippromwovi n-negozju tagħha. Għalkemm din m'hijiex kawża li tirrigwarda l-liġi tal-kompetizzjoni, però tajjeb li jiġi rilevat illi fil-kuntest tal-infurzar tal-liġi dwar il-kompetizzjoni fl-UE *"the Commission starts from the position that, generally speaking, any undertaking, whether dominant or not, should have the right to choose its trading partners and to dispose freely of its property*"[2].
>
> »Illi fil-mument meta ġie ippreżentat ir-rikors promotur, u *cioè* meta saret l-ewwel talba sabiex il-qorti tordna lill-kumpannija appellanti biex tieqaf minnufih milli tiġbor iċ-ċilindri tal-kumpannija esponenti mingħand terzi, l-Avviż Legali fuq imsemmi ma kienx għadu daħal fis-seħħ. Illi għalhekk it-talba ma kinetx tmur kontra l-ħsieb tat-tibdil leġislattiv meta saret, bħal ma tallega l-appellanta, u konsegwentement il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ma kellhiex tirrispinġi l-ewwel talba fis-sentenza tagħha. *Se mai* il-qorti kella tonqos milli tieħu konjizzjoni

---

2 »Guidance on the Commission's enforcement priorities in applying Article 82 of the EC Treaty to abusive exclusionary conduct by dominant undertakings (2009/C 45/02).«

> tagħha *stante* li l-mertu tagħha kien *ormai* ġie eżawrit bid-dħul tal-Avviż Legali;
>
> »Illi għalhekk, anki jekk dina l-onorabbli Qorti tal-Appell jidhrilha li għandha tilqa' l-ewwel aggravju tal-appell tal-kumpannija *Easygas*, il-kumpannija esponenti *Liquigas* m'għandhiex teħel l-ispejjeż ta' din it-talba.«

10. Il-kawża infetħet b'rikors maħluf ippreżentat fl-1 ta' Marzu 2011 waqt illi l-Avviż Legali 465 tal-2011, li daħħal ir-reg. 5A tar-Regolamenti dwar is-Suq tal-Gass *Petroleum* Likwefatt [L.S. 423.31] imsemmi fir-rikors tal-appell, daħal fis-seħħ fid-29 ta' Novembru 2011, meta l-kawża kienet ġà nbdiet. Jekk li kumpannija tiġbor ċilindri ta' kumpannija oħra kien att illeċitu meta nfetħet il-kawża, ma baqax illeċitu wara li daħal fis-seħħ ir-regolament 5A; anzi, issa "xejn ma għandu jipprojbixxi" li jsir hekk, u tgħid sew *Easygas* illi l-ewwel talba ta' *Liquigas* ma kellhiex tintlaqa'.

11. Għalhekk l-aggravju għandu jintlaqa' u l-ewwel talba ta' *Liquigas* għandha tiġi miċħuda, b'dan, iżda, illi l-ispejjeż relativi għandha tħallashom *Easygas* ladarba l-Avviż Legali li jippermettilha tiġbor iċ-ċilindri ta' *Liquigas* daħal fis-seħħ wara li nfetħet il-kawża.

12. Marbut ma' dan l-aggravju hemm l-ewwel aggravju ta' *Liquigas* li jolqot iċ-ċaħda tat-tieni talba tagħha, dik biex *Easygas* tkun imġiegħla trodd iċ-ċilindri ta' *Liquigas* li qegħdin f'idejha. Rajna illi r-reġ 5A tal-L.S. 423.31 igħid illi xejn ma għandu jipprojbixxi "provditur awtorizzat" milli jiġbor ċilindri ta' provditur ieħor, b'dan iżda li għandu jrodd dawn iċ-ċilindri fi żmien sebat ijiem. Mela jekk *Easygas* għandha f'idejha ċilindri ta' *Liquigas,* għandha troddhomlha fiż-żmien li tagħti l-liġi, u t-tieni talba ta' *Liquigas* għandha tintlaqa'. Dan iżda jiddependi fuq jekk

iċ-ċilindri humiex tassew proprjetà ta' *Liquigas*, li huwa l-meritu tat-tieni aggravju ta' *Easygas*. Għalhekk, qabel ma tqis l-aggravju ta' *Liquigas* dwar iċ-ċaħda tat-talba tagħha għar-radd taċ-ċilindri, il-qorti sejra tqis l-aggravju ta' *Easygas* dwar il-proprjetà taċ-ċilindri. Dan l-aggravju huwa mfisser hekk:

»illi s-soċjetà appellanti ma taqbilx fil-prinċipju mad-deċizjoni tal-onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Ċivili illi ċ-ċilindri tal-gass *LPG* in kwistjoni huma proprjetà tas-soċjetà appellata;

»illi bir-rispett kollu, is-soċjetà appellanti ssostni illi s-soċjetà appellata ma ġabitx prova suffiċjenti sabiex tikkonferma t-titolu tagħha fuq iċ-ċilindri:

»illi s-soċjetà appellata qiegħda tibbaża l-pretensjoni tagħha fuq il-ftehim datat 28 ta' Novembru 2008 li sar bejn il-Korporazzjoni *Enemalta* u s-soċjetà appellata, … fejn jingħad illi l-Korporazzjoni *Enemalta* qiegħda tittrasferixxi lis-soċjetà appellata mhux biss dawk iċ-ċilindri illi kienu fil-pussess tagħha, iżda anke dawk in ċirkolazzjoni, u *cioè* dawk illi kienu fil-pussess tad-distributuri u/jew il-konsumaturi;

»illi qabel xejn għandu jingħad illi dan il-ftehim japplika biss bejn is-soċjetà appellata u l-Korporazzjoni *Enemalta*, u m'għandu qatt jaffettwa jew jippreġudika bi kwalunkwe mod id-drittijiet ta' terzi;

»illi *di più*, il-fatt illi s-soċjetà appellata allegatament xtrat numru ta' ċilindri mingħand l-*Enemalta* ma jfissirx jew jista' jittieħed bħala fatt illi dawn l-istess ċilindri – b'mod speċjali dawk li fiż-żmien tal-kuntratt ma kinux fil-pussess tal-*Enemalta* – kienu neċessarjament proprjetà tal-*Enemalta*. Huwa proprju għalhekk illi l-istess *Enemalta* kienet ripetutament mitluba tressaq prova tat-titolu tagħha fuq dawn iċ-ċilindri, liema prova baqgħet ma tressqet qatt;

»illi madankollu, dawk iċ-ċilindri mhux fil-pussess tal-Korporazzjoni *Enemalta* ma setgħu qatt jigu ttrasferiti lis-soċjetà appellata billi dawn kienu proprjetà tal-pussessur u *cioè* tad-distributur jew tal-konsumatur;

»illi skont l-art. 1372 tal-Kap. 16, il-bejgħ ta' ħwejjeġ ta' ħaddieħor huwa null … … …;

»illi d-deċiżjoni tal-onorabbli Prim' Awla fil-każ odjern tagħmel referenza għall-fatt illi l-proprjetà taċ-ċilindri in kwistjoni kienu msemmija fl-*annual reports* tal-Korporazzjoni *Enemalta* fir-risposta għall-Mistoqija Parlamentari PQ 4588 3/12/2008, u li dawn iċ-ċilindri kienu jidhru wkoll fl-*audited financial statements* tas-soċjetà *Liquigas* bħala *fixed assets*, iżda bir-rispett kollu lejn l-ewwel qorti, dawn ma jikkostitwux bħala prova konkreta u suffiċjenti tat-titolu tas-soċjetà appellata fuq iċ-ċilindri in kwistjoni;

»illi *di più*, l-ewwel onorabbli qorti tirreferi għar-responsabbiltajiet tas-soċjetà appellata bħala sid naxxenti mit-*Transportable Pressure Equipment Directive* [*recte*, *Regulations* (L.S. 423.30 [*recte*, 427.30]). Però, ir-responsabbiltajiet li tagħmel referenza għalihom il-qorti bħala

argument favur it-titolu ta' proprjetarja taċ-ċilindri – fosthom li jassiguraw illi ċ-ċilindri huma konformi mal-istess Regolamenti u li jżommu d-dokumentazzjoni neċessarja taċ-ċilindri illi jkunu tefgħu in ċirkolazzjoni – huma proprju r-responsabbiltajiet li, skont l-istess Regolamenti, jaqgħu fuq l-operaturi u fuq l-importaturi taċ-ċilindri tal-gass, u mhux fuq is-sid, u għalhekk dawn ir-responsabbiltajiet ma jistgħu qatt jintuzaw bħala prova tat-titolu tas-soċjetà appellata;

»illi *oltre* dan kollu, is-soċjetà appellanti tibqa' tinsisti li meta konsumatur jixtri l-gass *LPG*, dan ikun qiegħed jixtri ukoll iċ-ċilindru, u li ċ-ċilindru huwa dejjem proprjetà tal-pussessur. Għalhekk, dan ifisser illi fiż-żmien illi sar it-trasferiment tal-operat tal-gass *LPG* bejn il-Korporazzjoni *Enemalta* u s-soċjetà appellata, iċ-ċilindri kollha in ċirkolazzjoni kienu proprjetà tad-distributuri u/jew tal-konsumatur, u għalhekk l-istess ċilindri ma setgħu qatt ikunu ttrasferiti lis-soċjetà attriċi;

»illi bħala l-proprjetarju taċ-ċilindru, il-konsumatur għandu d-drittijiet kollha sabiex jiddeċiedi x'jagħmel – *tramite* l-parametri tal-liġi – b'dak l-istess ċilindru illi huwa jkun xtara. Illi di fatti huwa l-istess konsumatur li *di buona volontà* jagħżel illi jagħti l-pussess taċ-ċilindri tal-gass vojta lid-distributuri bi skambju ma' ċilindru ieħor mimli, iżda m'għandu l-ebda dmir li jagħmel dan, u lanqas ma jista' d-distributur (jew xi wieħed mill-operaturi) imur jitlob l-istess ċilindri mingħand il-konsumatur. Il-konsumatur għandu kull dritt illi jżomm iċ-ċilindru vojt fil-pussess tiegħu (għal kwalunkwe raġuni li jara xieraq hu) u, minflok, jixtri ċilindru iehor. Dan magħruf fl-industrija bħala '*new service' … … …»*

»illi s-soċjetà appellanti lanqas ma taqbel mal-kunsiderazzjoni tal-ewwel onorabbli qorti li ċ-ċilindri huma mogħtija bħala depożitu. Skont l-art. 1891 tal-Kap. 16, il-kuntratt ta' depożitu jikkrea obbligu ta' dak li jkun irċieva ħaġa ta' ħaddieħor sabiex jikkustodiha u li jroddha *in natura.* Ir-radd tal-ħaġa lura għandu jsir, skont l-art. 1915 tal-Kap. 16, fiż-żmien stipulat fil-kuntratt ta' depożitu jew meta jkun mitlub mid-depożitant. … … . il-konsumatur ma għandu l-ebda obbligu illi jrodd lura ċ-ċilindru vojt, u jista' jagħżel li jagħmel dan minn jeddu bi tpartit ma' ċilindru mimli bil-gass *LPG*. Dan joħroġ iktar biċ-ċar mill-fatt illi l-konsumatur ma jiffirma ebda kuntratt ta' depożitu la mad-distributuri u wisq anqas ma' wieħed mill-operaturi tal-gass *LPG* … … …;

»illi finalment, is-soċjetà appellanti ma taqbilx mar-raġunament tal-ewwel onorabbli qorti illi l-preżunzjoni li kull persuna tipposjedi għaliha nfisha u b'titolu ta' proprjetà ma hix applikabbli għall-każ odjern *stante* li l-kwistjoni hija regolata minn prattika kummerċjali. L-ewwelnett, fil-mori tal-kawża ma tressqet ebda prova dwar l-eżistenza ta' tali prattika;

»… … …

»illi, bla preġudizzju għas-suespost, l-ezistenza ta' xi prattika kummerċjali ma tista' qatt tkun użata bħala raġuni valida sabiex ma jiġux applikati l-iktar liġijiet fundamentali u bażilari li fuqhom jistrieħ il-Kodiċi Ċivili, fosthom il-liġijiet dwar il-proprjetà.

»illi *di più*, anke jekk għall-grazzja tal-argument huwa minnu illi kienet teżisti xi użanza kummerċjali fiż-żmien meta l-Korporazzjoni *Enemalta* kienet l-uniku operatur tas-suq, ċertament illi tali użanza ma baqgħetx

> fis-seħħ appena tali suq ġie illiberalizzat tant illi issa kien hemm żewġ operaturi fis-suq u *cioè* s-soċjetà attriċi u l-esponenti. Għalhekk, dak li qabel seta' jiġi meqjus bħala użanza kummerċjali issa ma jistax jibqa' applikabbli *stante* illi sar tibdil sostanzjali fl-operat tas-suq.«

13. Qabel ma daħlet fix-xena *Easygas* il-bejgħ ta' gass fiċ-ċilindri kien monopolju ta' *Enemalta* u għalhekk, jekk iċ-ċilindri jitqiesu tal-provditur u ma jsirux tal-konsumatur – kwistjoni li għad irridu nqisuha –, iċ-ċilindri setgħu kienu biss proprjetà ta' *Enemalta*. Kontra dak li jingħad fir-rikors tal-appell, l-estratti mill-kotba tal-kummerċ ta' *Enemalta*, li fuqhom ikkummentat ukoll l-ewwel qorti, huma prova biżżejjed li ċ-ċilindri kienu proprjetà ta' *Enemalta* u din il-qorti taqbel għalkollox mal-apprezzament li għamlet l-ewwel qorti dwar hekk.

14. Lanqas ma hu minnu dak li tgħid *Enemalta* illi l-L.S. 427.30 titfa' responsabilità biss fuq l-operatur u fuq l-importatur u mhux fuq is-sid taċ-ċilindri; dawk ir-Regolamenti jitfgħu responsabilitajiet ukoll fuq is-sid taċ-ċilindri, fosthom responsabilitajiet li, min-natura tagħhom – *e.g.* li jagħmel il-"*Pi marking*" fuq iċ-ċilindru, kif irid il-para. (8) tat-Tieni Skeda, ma jistgħux jitwettqu mill-konsumatur.

15. Fl-atti hemm ukoll prova ċara li *Enemalta* bigħet iċ-ċilindri kollha li kellha lil *Liquigas*. Tassew illi l-kuntratt bejn *Enemalta* u *Liquigas* huwa *res inter alios acta* għal *Easygas*, iżda dan ma jfissirx illi l-kuntratt ma jistax jitqies bħala prova ta' trasferiment lil *Liquigas* tat-titolu li *Enemalta* seta' kellha fiċ-ċilindri. Li kien mod ieħor qatt ma tista' ssir prova ta' titolu derivativ fejn il-konvenut ma jkunx parti f'dak it-titolu.

16. Tifdal il-kwistjoni jekk iċ-ċilindri baqgħux ta' *Enemalta* u, warajha, ta' *Liquigas* meta kien jinbigħ il-gass fiċ-ċilindri lill-konsumatur. Il-kwistjoni, fi kliem ieħor, hi jekk il-konsumatur jixtrix il-kontenut biss taċ-ċilindru jew jixtrix iċ-ċilindru wkoll.

17. Din il-qorti taqbel mal-konklużjoni li waslet għaliha l-ewwel qorti illi l-konsumatur jixtri biss il-gass kontenut fiċ-ċilindru u mhux ukoll iċ-ċilindru, u dan mhux biss għar-raġunijiet imsemmija mill-ewwel qorti – fosthom illi meta jingħata servizz ġdid, *i.e.* meta jixtri gass f'ċilindru bla ma jrodd ċilindru vojt flok dak mimli li jingħata, il-konsumatur ma jħallasx taxxa fuq il-valur miżjud fuq id-depożitu li jħallas għaċ-ċilndru, li jindika li ma sarx bejgħ taċ-ċilindru – iżda wkoll għax il-liġi stess tagħraf dak li l-ewwel qorti sejħet "prattika kummerċjali ta' xiri ta' gass u mhux ta' ċilindri da parti tal-konsumatur". Fil-fatt ir-reg. 5A tal-L.S. 423.31 jitfa' obbligu fuq provditur awtorizzat, li jkun ġabar ċilindri li ma jkunux tiegħu, illi jrodd dawk iċ-ċilindri lill-provditur "li jkun is-sid ta' dak iċ-ċilindru li jista' jinġarr". Dan ir-regolament fil-fehma tal-qorti jagħraf il-prattika li semmiet l-ewwel qorti u juri ċar illi s-sid taċ-ċilindru jibqa' l-provditur, mhux il-konsumatur.

18. Dan l-aggravju ta' *Easygas* għalhekk għandu jiġi miċħud u, konsegwenza ta' hekk, għandu jintlaqa' l-aggravju ta' *Liquigas* li jrid illi tintlaqa' t-talba biex il-qorti tordna lil *Easygas* troddilha ċ-ċilindri tagħha li jinsabu f'idejn *Easygas.*

19. Ngħaddu issa għat-tielet aggravju ta' *Easygas* li jolqot il-likwidazzjoni tad-danni. It-tieni aggravju ta' *Liquigas* ukoll huwa dwar id-danni iżda

msejjes fuq konsiderazzjonijiet differenti. Il-qorti sejra tibda billi tqis l-aggravju ta' *Easygas*.

20. L-aggravju ta' *Easygas* ġie mfisser hekk:

> »illi, primarjament, is-soċjetà appellanti tikkontendi illi hija ma kkawżat ebda danni lis-soċjetà appellata, u għaldaqstant qatt ma kellha tinsab responsabbli għal tali likwidazzjoni ta' danni;
>
> »illi ma jeżisti ebda ness bejn l-aġir tas-soċjeta appellanti fl-operat tagħha ta' kuljum u t-talba għad-danni tas-soċjeta appellata. Anke jekk, kif qalet l-ewwel onorabbli qorti, iċ-ċilindri in kwistjoni kienu tas-soċjetà appellata, dan ma jagħtix lok għal talba għad-danni;
>
> »illi *se mai* huwa l-konsumatur li kkawża dannu billi bigħ dak li ma huwiex tiegħu, u ġaladarba s-soċjetà appellanti xtrat dawn iċ-ċilindri *in buona fede* u ħallset għalihom, ma tistax issa tinsab ħatja għad-danni ukoll;
>
> »illi, *di più*, il-prospett tad-danni ppreżentat mis-soċjetà appellata ma kellux jiġi aċċettat *in toto* mill-ewwel onorabbli qorti *stante* illi ma ġiet prodotta ebda spjegazzjoni ta' kif waslu għal dik is-somma hekk prospetta, jew saħansitra xi prova tan-numru taċ-ċilindri in kwistjoni;
>
> »illi l-onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Ċivili aċċettat il-prospett tad-danni eżebit mis-soċjetà appellata mingħajr ebda studju, tant li ma nġiebu ebda provi dwar il-kalkoli li wasslu għall-ammonti mniżżla fil-prospett;
>
> »illi, primarjament, l-ewwel onorabbli qorti tirreferi għas-somma ta' €101,250 "biex xtraw ċilindri ġodda biex jissostitwixxu dawk li ma ġewx ritornati lilhom", iżda fil-prospett tad-danni eżebit mis-soċjetà appellata din qiegħda mniżżla bhala "*double depreciation charged in Liquigas books*". Is-soċjetà appellanti ma tistax tifhem kif hija tista' tinsab responsabbli għad-deprezzement taċ-ċilindri tal-*Liquigas*, u wisq inqas tista' tistabillixxi kif waslu għal figura ta' 25,000 ċilindru. Jekk dan qiegħed jirreferi għaċ-ċilindri miżmuma mis-soċjeta appellanti, din is-sentenza ordnat li dawn isiru proprjetà tas-soċjeta appellanti, u għalhekk ċertament li l-istess soċjetà m'għandhiex tiġi ordnata tħallas għad-deprezzement ta' xi ħaġa li saret tagħha!
>
> »illi l-ammont ta' €50,625 rigwardanti "*financial costs* for *anticipated purchase* of *cylinders*" ukoll m'għandux jiġi llikwidat *stante* illi ma nġiebet l-ebda prova jew spjegazzjoni tiegħu, u fi kwalunkwe każ la tali dannu huwa '*anticipated'* allura ma jistax jiġi llikwidat;
>
> »illi l-ewwel onorabbli qorti illikwidat is-somma ta' €21,480 rigwardanti "spejjeż biex ġabu lura ċ-ċilindri minn Napli fejn kienet bagħtithom is-soċjeta konvenuta". Għal darb' ohra, id-dokumenti annessi mal-prospett tad-danni f'dan ir-rigward ma jagħtu ebda indikazzjoni dwar in-numru ta' ċilindri li għalihom jirreferu tali spejjeż. Li jiġi stabbilit in-numru ta' ċilindri li s-soċjeta appellata ġabet lura minn Napli huwa importanti, għaliex, jekk gew irkuprati xi numru ta' ċilindri, allura s-soċjeta appellanti ma tistax tiġi ordnata tillikwida d-danni għax-xiri ta' ċilindri ġodda ukoll;

»Finalment, l-ewwel onorabbli qorti illikwidat is-somma ta' €405,000 "għaċ-ċilindri li ġew moħbija, mibruxa u miżbugħa mill-ġdid u li ma jistgħux jintużaw, għax neħħewlhom is-*serial number*". Kif ġie ribadit qabel, din l-akkuża serja fil-konfront tas-soċjetà appellanti la hija mertu ta' dina l-kawża u wisq inqas ġiet ppruvata fil-mertu tal-kawża;

»illi, *di più*, il-prospett tad-danni tas-soċjeta appellata xi drabi jsemmi l-figura ta' 15,000 u drabi oħra dik ta' 25,000, mingħajr ma titressaq ebda prova in sostenn ta' xi wieħed minn dawn il-figuri. Dawn il-figuri huma ukoll kontradittorji fil-prospett ta' danni - jekk, f'punt numru 4 tal-prospett tad-danni, is-soċjeta appellanti qiegħda tinsab responsabbli għad-danni biex jinxtara 15,000 ċilindru ġdid, kif qiegħda tinsab responsabbli ukoll għad-deprezzement ta' 25,000 ċilindru?«

21. Id-deċiżjoni tal-ewwel qorti dwar il-*quantum* tad-danni kienet kondizzjonata bid-deċiżjoni li tiċħad it-talba għar-radd taċ-ċilindri. Issa li d-deċiżjoni dwar ir-radd taċ-ċilindri sejra tinbidel, dan inevitabilment ikollu effett ukoll fuq il-*quantum* tad-danni.

22. Naraw qabel xejn x'kienu d-danni pretiżi minn *Liquigas* u likwidati mill-ewwel qorti:

| | |
|---|---|
| €101,250 | biex inxtraw ċilindri ġodda flok dawk li ma ntraddux; |
| € 50,625 | "*financial costs for anticipated purchases of cylinders*"; |
| € 21,840 | spejjeż biex inġabu lura ċilindri minn Napli fejn kienet bagħtithom *Easygas* biex jinżebgħu bil-kuluri tagħha; |
| €405,000 | għaċ-ċilindri li ġew moħbija, mibruxa u miżbugħa mill-ġdid u li ma jistgħux jintużaw għax tneħħielhom is-*serial number*: |
| €578,715 | b'kollox. |

23. L-ewwel partita hija biex inxtraw ċilindri ġodda flok dawk illi ma nżammu minn *Easygas* u ma ntraddux. Issa li ċ-ċilindri sejrin jintraddu, *Liquigas* tkun qiegħda tistagħna bla mistħoqq jekk tieħu lura ċ-ċilindri mingħand *Easygas* u titħallas mingħandha wkoll għal dawk ġodda li xtrat. Tassew illi, li kieku ma naqsuhiex iċ-ċilindri għax *Easygas* kienet qiegħda żżommhom, *Liquigas* ma kien ikollha tagħmel dik

in-nefqa biex tixtri l-ġodda; madankollu xorta huwa inevitabbli li minn żmien għal żmien ikolhom jinxtraw ċilindri ġodda flok dawk li ssirilhom ħsara bl-użu u wkoll flok dawk li l-konsumaturi, għal raġuni jew oħra, iżommuhom u ma jrodduhomx. Għalhekk ma jkunx xieraq li *Liquigas* tieħu l-benefiċċju doppju li tieħu lura ċ-ċilindri li kienet żammet *Easy-gas* u żżomm ukoll dawk ġodda li tkun imġiegħla tħallas għalihom *Easygas.* L-iżjed li jkun xieraq li tingħata *Liquigas* għal din il-partita tkun somma li tiġi likwidata *arbitrio boni viri* biex tpatti talli n-nefqa għal ċilindri ġodda kellha tagħmilha qabel ma kien ikollha tagħmilha fil-kors normali tan-negozju.

24. Għalhekk il-qorti sejra tnaqqas is-somma ta’ mija u elf, mitejn u ħamsin euro (€101,250) għal għaxra fil-mija tas-somma likwidata mill-ewwel qorti, li tiġi għaxart elef, mija u ħamsin euro (€10,125).

25. It-tieni partita hija għall-prezz ta’ ċilindri li *Liquigas* kien ikollha tħallas ’il quddiem jekk iċ-ċilindri ma jintraddux. Issa li ċ-ċilindri sejrin jin-traddu din in-nefqa ma għadhiex meħtieġa, u din il-partita għalhekk għandha titħassar għalkollox.

26. It-tielet partita – spejjeż biex jinġiebu lura ċilindri li kienu ntbagħtu barra minn Malta minn *Easygas* biex jinbarxu minn fuqhom il-kuluri ta’ *Liquigas* u jinżebgħu mill-ġdid bil-kuluri tagħha – hija ġustifikata. Sewwa qalet l-ewwel qorti li din iċ-ċifra ma ġietx kontestata quddiem-ha, u għalhekk l-appellanti ma tistax tressaq il-kontestazzjoni u titlob xiehda ġdida issa. Barra minn hekk, kif ukoll osservat l-ewwel qorti, il-*quantum* huwa mfisser u ġustifikat bid-dokumenti li hemm fl-atti.

27. L-istess jingħad għar-raba' partita: flok iċ-ċilindri li ma jistgħux jintużaw għax *Easygas* neħħitilhom is-*serial number* biex taħbi l-mezzi li tkun identifikata l-proprjetà tagħhom, *Liquigas* bilfors kellha tixtri oħrajn flokhom u, bħal fil-każ tal-ispejjeż għall-ġarr minn Napli, il-kontestazzjoni taċ-ċifra ma tistax issir f'dan l-istadju.

28. B'kollox għalhekk id-danni qegħdin jiġu likwidati fis-somma ta' erba' mija u sitta u tletin elf, disa' mija u ħamsa u sittin euro (€436,965)[3].

29. Fadal l-aggravu ta' *Liquigas* dwar id-danni, li ġie mfisser hekk:

> »illi l-kwantifikazzjoni ta' danni magħmula mill-kumpanija appellanti [*Liquigas*] kif spjegata fil-prospett ta' danni … u li fuqha strahet il-qorti fi prim'istanza saret wara li kien diġà ħareġ l-Avviż Legali tal-2011. Infatti l-istess dokument iġib id-data tat-12 ta' Ġunju 2012. F'dik id-data l-partijiet kienu bdew jimplimentaw (għalkemm mhux mingħajr diffikutajiet) ir-Regolamenti tal-istess Avviż Legali. Mid-data tal-Avviż Legali s-sitwazzjoni bdiet tiġi regolata mil-liġi però l-qorti ma kkunsidratx dan il-punt;
>
> »illi għaldaqstant l-ammont ta' €578,715 li waslet għalih il-kumpannija appellanti kif spjegat fil-prospett huwa limitat għal danni sofferti sa dakinhar li ħareġ l-istess Avviż u ċertament mhux sad-data tas-sentenza kif ikkonkludiet il-qorti fil-ħames kap tas-sentenza. Infatti l-prospett, li ma ġie bl-ebda mod ikkontestat mill-kumpannija appellata, huwa bbażat fuq numru speċifiku ta' ċilindri li l-kumpannija appellanti kienet ikkalkulat li kienu fil-pussess tal-kumpannija appellata meta fetħet il-kawża. Dan il-fatt kellu jiġi rifless fis-sentenza finali.«

30. Dan l-aggravju kien ikollu relevanza li kieku kellha tibqa' ma tintlaqax it-talba għar-radd taċ-ċilindri u għalhekk *Liquigas* ikollha tixtri oħrajn ġodda. Issa li dik it-talba sejra tintlaqa', l-aggravju ma għadx għandu relevanza u għalhekk il-qorti ma hijiex sejra tqisu aktar.

31. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti hekk tiddisponi mill-appelli taż-żewġ partijiet: tirriforma s-sentenza appellata billi:

---

3 €10,125 + €21,840 + €405,000 = €436,965.

i. tħassarha fejn laqgħet l-ewwel talba ta' *Liquigas* u, minflok, tiċħad dik it-talba;

ii. tħassarha fejn ċaħdet it-tieni talba ta' *Liquigas* u, minflok, tilqa' dik it-talba u tikkundanna lil *Easygas* trodd iċ-ċilindri kollha ta' *Liquigas* li għandha f'idejha fi żmien sebat ijiem millum;

iii. tħassarha fejn illikwidat id-danni mġarrba minn *Liquigas* fis-somma ta' ħames mija u tmienja u sebgħin elf, seba' mija u ħmistax-il euro (€578,715) u ikkundannat lil *Easygas* tħallas id-danni hekk likwidati, u, minflok, tillikwida d-danni fis-somma ta' erba' mija u sitta u tletin elf, disa' mija u ħamsa u sittin euro (€436,965) u tikkundanna lil *Easygas* tħallas is-somma hekk likwidata; u

iv. tikkonferma s-sentenza fil-bqija.

32. Billi dan l-episodju nħoloq minħabba għemil illeċitu ta' *Easygas*, huwa xieraq illi l-ispejjeż kollha tħallashom hi.

| | | |
|---|---|---|
| Giannino Caruana Demajo<br>President | Tonio Mallia<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr